MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 122/1999/1

Anton Said,
Lorenza Said, u b'degriet tal-5 ta' Awissu, 2005,
il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Anton Said,
Maria mart Vincent Grech, Victor Said,
Ilkoll aħwa Said, flimkien ma' Albert Lupi,
Andrew Lupi, u Mario Lupi, minflok Lorenza Said
Li mietet fil-mori tal-kawża, u
Maria mart Vincent Grech .

vs

Ganni Attard .

Il-Qorti ,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew :

Illi l-atturi huma proprjetarji ta' porzjon art "TatpTorri" sive 'Ta' San Dimitri' fil-limiti ta' l-Għarb, Għawdex, tal-kejl ta'

ċirka hamest itmiem jew kejl verjuri tmiss mill-punent ma' triq San Dimitri, u indikata aħjar bil-linji blu fuq il-pjanta hawn annessa u markata Dokument "A" ;

Illi din l-art kienet imqabbla lil Tarcisio Agius, illi miet fit-12 ta' Lulju 1999 versu l-qbiela ta' ħames liri maltin (Lm5) fis-sena,
Illi fl-istess jum li fih miet Tarcisio Agius, il-konvenut Ganni Attard iddikjara illi huwa kien sejjer jibda jaħdem ir-raba ta' l-atturi għaliex allega illi kien ħallas sitt mitt lira maltija (Lm600) lil Tarcisio Agius, u effettivament fl-istess jum u fil-jiem immedjatament sussegwenti, il-konvenut qabad u daħal f'din ir-raba, neħħa l-bruġ illi kienu saru mill-espoenenti sabiex juru l-pussess tagħhom ta' l-istess raba .

Illi dan l-aġir jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin għad-dannu tal-atturi, iżda minkejja illi ġie interpellat saħansitra permezz ta' ittra uffiċjali w anke mandat ta' inibizzjoni sabiex ma jerġax jidħol f'din ir-raba, il-konvenut minflok illi sporga l-ispoll kommess minnu, kompla fl-atti spoljattivi tiegħu .

Illi l-atturi jridu jiġu re-integrati fil-pussess tagħhom ta' l-istess raba .

Talbu lill-konvenut jgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara illi inti kkommettejt spoll vjolenti u klandestin għad-dannu tal-atturi meta fit-12 ta' Lulju u fil-jiem immedjatament segwenti inti konvenut dħalt fir-raba hawn fuq indikat u ppussessajt ruħek minnu ;

2. Tikkundannak sabiex fi żmien qasir u perentorju illi jiġi prefiss inti tisporga l-ispoll kommess minnek billi tpoġġi kollox fl-istat pristinu tiegħu ;

3. Fin-nuqqas, tawtorizza lill-atturi sabiex jagħmlu x-xogħlijiet neċessarji huma a spejjeż tiegħek konvenut .

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra interpellatorja tas-16 ta' Lulju, 1999, u tal-mandat ta' inibizzjoni fl-istess ismijiet; Mandat numru 80/1999 u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa inti msejjaħ .

Bir-riserva ta' kwalunkwe azzjoni għad-danni spettanti lill-atturi kontra tiegħek .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi debitament ikkonfermata minn Anton Said .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li eċċepixxa illi :

1. Illi f'dina l-kawża hemm nieqsa ż-żewġ estremitajiet rikjesti mill-liġi u ċioe' l-pussess minn naħħa tal-atturi u l-ispoll vjolenti minn naħħa tal-konvenut ;

2. Salvi eċċezzjonijiet oħra fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut kkonfermata bil-ġurament tiegħu .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda prodotti, l-affidavits u d-dokumenti oħra esebiti, kif ukoll l-atti tal-kawża konnessa bejn l-istess kontendenti quddiem din il-Qorti fil-kompetenza Inferjuri Tagħha u fl-ismijiet "Anton Said et. vs John Attard et." (avviż nru. 61/1999), fejn hemm miġbura uħud mill-provi rilevanti għall-kawża preżenti wkoll .

Rat il-verbal tagħha tat-23 ta' Ġunju 2006 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza .

Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti .

Ikkunsidrat :

Illi din hija kawża ta' spoll . Dwar kawża ta' dan it-tip ġie mfisser illi :

*“In tema legali jingħad li l-‘actio spolii’ hija radikata pjuttost fuq l-esiġenzi ta’ utilita’ soċjali milli fuq il-prinċipju assolut tal-ġustizzja, u hija eminentement intiża sabiex tkun estiża l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess, u jiġi mpedut li ċittadin privat jieħu l-gustizzja f’idejħ; b’mod li l-fini tagħha huwa dak illi jiġi restawrat l-istat tal-pussess li jkun ġie skonvolt jew turbat ;*

*L-art. 572 (illum 535) tal-Kodiċi Ċivili, li jikkontempla din l-azzjoni, huwa ndubbjament ta’ ordni pubbliku, u huwa inerenti għall-fatt ta’ min b’awtorita’ privata jagħmel għad-dannu ta’ terza persuna att li, għalkemm jista’ jkollu dritt għalieh, ma jkunx jista’ jeżerċitah mingħajr l-intervent tal-Qrati (ara Kasazzjoni Torin 1 ta’ Awissu 1879 in re Borboglio vs. Fischt, Volum XIII, P. 1, pag. 555 tal-Annali tal-Ġurisprudenza) . Ma’ dan l-artikolu fuq imsemmi tal-liġi ċitata, ma għandux jiġi minsi l-art. 794 (illum 791) tal-Kodiċi tal-Organiżazzjoni u Proċedura ċivili, li jaħseb u jgħid li kontra l-azzjoni ta’ spoll ma humiex ammissibbli ħlief eċċezzjonijiet dilatorji – dak li huwa konfermat mill-ġurisprudenza lokali u estera (ara Vol. XXXI. I. 296 Appell 8 ta’ Marzu 1943, in re “Francesco Mifsud vs Michele Cassar”; Vol. XXI. II. 83 P’Awla Civili, 20 ta’ April 1916, in re ‘Michelina Falzon vs Giuseppe Bonello et.’ konfemata fl-Appell fis-26 ta’ Marzu 1917; Kassazzjoni Palermo 27 ta’ Ottubru 1899, in re Decarcano vs. Cafici, Foro Catanese Vol. 1889, pagna 124; u dan biex ingħataw xi sentenzi) ; …..”.*[1]

Illi, għalhekk, kif ġie ripetutament imfisser mill-qrati tagħna, jenħtieġu tliet elementi sabiex tirnexxi kawża bħal din :

(i) li l-attur kellu l-pussess ta’ kwalunkwe xorta jew detenzjoni tal-ħaġa spoljata (*possedisse*) ;

(ii) li ġie disturbat f’dan il-pussess (*spoliatum fuisse*) ; u

[1] Margherita Fenech v. Pawla Zammit : Prim’Awla : 12.4.1958 vol. XLII.. II. 975 .

(iii) li għamel il-kawża fi żmien xahrejn mill-allegat spoll *(infra bimestre deduxisse*) .

"*Jekk imqar xi wieħed minn dawn ir-rekwiżiti essenzjali ma jiġix ppruvat, l-azzjoni taqa' mingħajr ma jkun hemm bżonn li jiġi ndagat jekk jirrikorrux anki r-rekwiżiti l-oħra*."[2]

Dwar din l-azzjoni l-**Mattirolo** jispjega illi :

"*La reintegrazione del possesso a favore di chi ne fu spogliato e' una misura di ordine pubblico, e' un provvedimento diretto a conservare la pace pubblica . L'articolo 695 del Codice Civile applica, in tutto il suo rigore, la regola **"spoliatus ante omnia restituendus"** . Il perche' l'azione di reintegrazione, compiuto lo spoglio, compete a qualunque possessore, astrazione fatta dal carattere del suo possesso, sia pur questo anche solo precario, o di origine illegittima, purche' pero' abbia il carattere esteriore dell'esercizio di un preteso diritto."*[3]

Kuntrarjament pero' għad-dottrina kontinentali, l-liġi tagħna ma tirrikjedix ukoll l-*animus spoliandi,* imsemmija mill-konvenut fin-nota ta' l-Osservazzjonijiet tiegħu bħala waħda mid-difiżi għal din l-azzjoni, għax kif intqal mill-Qorti ta' l-Appell :

"*B'liema motiv jew animu* (il-konvenut) *għamel hekk, huwa għal kollox irrilevanti . Kif din il-Qorti kellha okkażjoni tesprimi ruħha fis-sentenza tagħha tad-9 ta' Marzu 1992, in re C. Cardona vs Francesco Tabone et : 'il-ligi tagħna - fl-azzjoni ta' l-ispoll - jiġifieri fil-Kodiċi ta' Organiżazzjoni u Proċedura Ċivili - ma tagħtix lok għal ebda indaġini oħra barra minn dik li tistabilixxi (a) il-fatt ta' pussess/detenzjoni u (b) il-fatt ta' li spoll . Indaġini limitattissima rigoruża u skarna li ma tinsab f'ebda leġislazzjoni oħra u għalhekk, bir-rispett kollu għal deċiżjonijiet li ppermettew indaġinijiet ibbażati fuq x'jgħidu u ma jgħidux ġuristi w awturi Franċiżi u Taljani, huma għal kollox irrilevanti u inapplikabbli fil-*

[2] Joseph Tabone v. Joseph Flavia sive de Flavia ; Appell Civ. 7.3.1958 – vol. XLII. I. 86

[3] Trattato di Dirito Giudiziario Civile Italiano Vol. I. 5 ta. ed. 1902 Torino, para. 271 .

*kuntest ta' l-ordinament ġuridiku tagħna …. . L-azzjoni ta' spoll hija konċepita bħala azzjoni rapida u effikaċi għall-iskop li ma tħalli 'l ħadd jiddisturba stat ta' fatt, arbitrarjament u hija intiża unikament biex iġġiegħel lill-konvenut li jerġa' jqiegħed il-ħaġa fl-istat li kienet qabel ma ddisturbaha, u daqshekk biss - kif jgħid bl-aktar mod ċar l-art. 791(1) Kap. 12 li sfortunatament jiġi ħafna drabi injorat*.' " [4]

Għalhekk sabiex il-Qorti tkun tista' tilqa' t-talbiet attriċi, jrid jiġi stabilit jekk jeżistux it-tliet elementi msemmija fil-każ in eżami . Mill-provi mressqa rriżulta illi l-atturi qed jilmentaw mill-fatt li l-konvenut, dakinhar stess li miet Tarcisio Agius, li kien jikri mingħandhom l-għalqa msemmija fiċ-ċitazzjoni, qabad u daħal fiha . Dan għamlu wara illi dakinhar stess kien mar għandhom il-konvenut u nfurmahom illi kien ser jaħdimha hu għax Agius kien wellihielu . Infatti marru fuq il-post u sabu illi l-konvenut kien ġia ħħarat terz mil-għalqa, u l-għada skoprew illi l-konvenut neħħa l-bruġ tal-ġebel li kienu għamlu proprju biex jindikaw illi ħadd ma kellu jidħol fl-istess għalqa[5]. Xejn minn dan ma ġie nnegat mill-konvenut .

Kulħadd jaqbel illi l-imsemmi Tarcisio Agius miet fit-12 ta' Lulju 1999, u għalhekk l-atti li minnhom qed jilmentaw l-atturi, ġraw f'anqas mix-xahrejn rikjesti mil-liġi għal promozzjoni ta' kawża bħal din . Il-kawża preżenti ġiet intavolata fil-11 ta' Awissu 1999 u allura entro dan it-terminu .

Il-konvenut pero' jikkontesta il-pretensjoni ta' l-atturi illi dawn qatt kellhom xi pussess kif trid il-liġi fi ħwejjeġ simili, sabiex ikun jista' jingħad illi huma ġew disturbati f'dan il-pussess, u għalhekk intitolati għar-reintegrazzjoni . Infatti fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu l-konvenut jissottometti illi l-atturi f'dan il-każ ma pprovawx li huma kienu fil-pussess ta' l-għalqa *de quo* meta seħħew dawn l-atti .

---

[4] Rosina Agius et. vs Angelo Agius et 2 ; kollez. vol. LXXVIII. pt. II. P 319 .

[5] ara affidavits ta' Frank Lupi Dok. FL a fol.10 u ta' Anton Said Dok. AS a fol. 12 - 13 tal-process avv. nru. 61/99 .

Dwar l-element tal-*possedisse* li huwa meħtieġ sabiex tirnexxi kawża ta' spoll ingħad :

"*Illi l-ewwel rekwiżit, kwindi, sabiex l-azzjoni tar-rintegrazzjoni tista' tiġi milqugħa bil-favur, huwa li l-instanti jkollu l-pussess ta' kwalunkwe xorta jew detenzjoni tal-ħaġa li fuqha jkun pretiż li sar l-ispoll . L-espressjoni wżata mill-liġi – "**possession of whatever kind**" – dak li jinteressana f'dal-każ – tikkomprendi tant il-pussess ċivili kemm dak sempliċement naturali, u anki dak vizzjuż; imma pero' tesiġi dejjem f'dak li jippromwovi din l-azzjoni xi pussess; l-għaliex, jekk l-attur f'kawża bħal din li fuqha qegħdin nitkellmu ma jkunx ippossjeda l-ħaġa, l-azzjoni hija destinata li ma tirnexxix*."[6]

Huwa ferm pertinenti x'jgħid l-awtur taljan ġia ċitat f'dan ir-rigward :

"*E' vivamente controverso se l'azione di reintergrazione, oltre al possessore, competa al detentore, cioe' a colui che ritiene la cosa a nome altrui . A nostro avviso, la risoluzione della questione dipende esclusivamente dal vedere se il detentore sia, o no, un possessore : perche', se lo e', l'azione di reintegrazione, che e' accordata pel possesso 'qualunque esso sia' (art. 695), non potra' al certo essergli negata .*

*Giusta la definizione, che l'articolo 685 ne da' del possesso, questo puo' cadere tanto sulle cose corporali, quanto sulle incorporali … ; nel primo caso, esso si presenta sotto la forma della detenzione di una cosa; nel secondo, sotto l'aspetto del godimento di un diritto che si esercita . Ma in entrambi i casi, a costituire il possesso sono necessari due elementi: il corpo e l'animo; cioe' il fatto esteriore della detenzione della cosa o dell'esercizio del diritto; l'animo, ossia la volonta' del possessore di possedere per se' .*

*Questa volonta', quest'animo, secondo la nozione odierna del possesso, occorre in diversi modi, secondo che si*

[6] Fenech vs Zammit gia citata .

*tratti – del possesso legittimo, tutelato dall'azione di manutenzione – o del possesso semplice, garantito soltanto con l'azione di reintegrazione - : pel primo e' necessario l'animus domini, val quanto dire la volonta' di ritenere la cosa come propria, di esercitare il diritto come proprio: pel secondo, basta l'animo nel possessore di tenere la cosa o l'esercizio del diritto per se', independentemente da ogni pretesa sulla proprieta' della cosa, sulla spettanza del diritto che di fatto si esercita."*[7]

Din tidher li hija wkoll il-pożizzjoni fil-liġi tagħna . Infatti sew l-artikolu 535 tal-Kap. 16, kemm l-art. 791 tal-Kap. 12 isemmu li tenħtieġ il-prova tal-"***fatt tal-pussess jew detenzjoni***" u mhux "*il-pussess*" biss . La din mhix kawża ta' manutenzjoni tal-pussess ma hi allura meħtieġa l-ebda prova ta' pussess leġittimu.

Irriżulta fil-każ in eżami, illi l-atturi huma s-sidien ta' l-għalqa in kwistjoni, illi ċirca ħmistax-il sena qabel kienet ġiet imqabbla lill-imsemmi Tarcisio Agius[8] . Il-konvenut jallega illi xi sena qabel ma miet Agius, dan kien wellielu din l-għalqa u għalhekk huwa kien ġia daħal fil-pussess tagħha sa minn dakinhar . Imma anke jekk ma tiġix emmnuta din l-allegazzjoni, jikkontendi wkoll illi l-pussess ta' l-istess għalqa in segwitu għall-mewt ta' Agius ma reġgħax dar awtomatikament fuq l-atturi bħala s-sidien, imma, peress illi l-kirja viġenti kienet għadha fis-seħħ, għax din kienet tiskadi biss fil-15 ta' Awissu sussegwenti, il-pussess waqa' f'idejn il-werrieta tal-mejjet, fil-każ tagħna ħuh Francis Agius, u dana ta' l-inqas sakemm il-kirja ġiet minnu ċeduta a favur tas-sidien, kif fil-fatt ġara xi żmien wara .

Minn naħa l-oħra l-atturi in sostenn tal-pretensjoni tagħhom dwar dan il-pussess jiċċitaw b'mod estensiv minn sentenza tal-Qorti ta' l-Appell f'kawża fejn ġie rikonoxxut illi s-sid kellu l-pussess legali ta' fond mikri, wara li dan kien ġie ċedut lil terzi mill-inkwilin mingħajr il-

7 op. cit. Footnote pag. 255 – 256 .
8 ara affidavit ta' Lorenza Said a fol. 11 tal-process avv. nru. 61/99 .

kunsens tagħhom[9] . F'dik il-kawża l-Qorti kienet stabiliet illi ġialadarba l-inkwilin kien għamel hekk, huwa ġie li rrinunzja għall-kirja, bil-konsegwenza illi s-sid kien reġa' akkwista l-pussess legali ta' l-art mikrija u allura seta' jaġixxi b'suċċess għar-reintegrazzjoni . Imma fil-kawża odjerna fejn l-atturi mill-bidu sa l-aħħar ibbażaw il-każ kollu tagħhom fuq in-negazzjoni taċ-ċessjoni tal-kirja li Tarcisio Agius għamel lill-konvenut, allegazzjoni li fil-fehma tagħhom ma kienet xejn ħlief ħlejqa ta' l-istess konvenut f'tentattiv li jistabilixxi titolu a favur tiegħu, l-prinċipji enunċjati f'din is-sentenza ma jistgħux isibu applikazzjoni a vantaġġ tagħhom . Fi kwalunkwe każ għalhekk l-atturi ma setgħax kellhom dan il-pussess fil-mument meta twettaq l-allegat spoll minnhom ilmentat .

Għal dawn il-motivi, peress illi ma ġiex ippruvat sodisfaċentement li jeżistu l-elementi kollha meħtieġa mill-liġi sabiex tirnexxi kawża bħal din, partikolarment il-pussess jew detenzjoni fl-atturi, tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenut, tiċħad it-tabliet attriċi bl-ispejjeż kontra l-istess atturi .

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[9] Joseph Aquilina noe. vs Lino Debono : 12.1.1998; (ara Nota ta' Sottomissjonijiet ta' l-atturi a fol. 49 - 51 tal-kawża avviż nru . 61/1999 .